A.L. 217 ta' l-2007

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2007 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2007 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T., u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T., ippubblikati bħala Avviż Legali 187 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 2006 jew wara.

Żieda ta' l-ordinament 11

3. Wara l-ordinament 10 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jiżdied l-ordinament 11 li ġej:

"11. L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-programm ta' studji ta' l-ewwel sena u jitilqu mill-Kors jingħataw id-Diploma in Information Technology (Dip. I.T.)."